MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

[Nhar il-Tlieta 5 ta' Settembru 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku avzah illi se jattendi tard.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob update rigward is-sala ta' Savoy Gardens [ref punt 47.2.2]

48.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur il-ġdid tal-Public Convenience beda jaħdem fl-20 ta' Lulju [ref punt 46.2.3]

48.2.3 Is-sur Saviour Galea qal illi jixtieq jagħmel il-Fundraising Event fix-xitwa [ref punt 46.3.2]

48.2.4 Is-Sindku ppropona li nixtru kamera u nuzawha bħala 'tester' qabel ma nibnu s-sistema li jixtieq il-Kunsill [ref punt 46.6.1]. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta wara li l-Kunsill ra li l-istima għal Pjazza Meme Scicluna kienet waħda għolja.

48.2.5 Il-bye-laws se joħorġu kollha separatament u l-Kunsill se jistudja l-liġijiet sew biex naraw liema huma dawk illi jaqblu ma dawk illi nixtiequ naraw fil-lokalita [ref punt 46.6.4].

48.2.6 Il-Kunsill qabel li mall-proposta ta' Ozone. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna nsibu post ieħor barra Turu Colombo Square, minħabba x-xogħolijiet illi se jsiru fil-propjeta tal-ex Golden Harvest. Il-Kunsill qabel illi ssir WI-FI spot barra l-knisja.

48.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal l-handyman kien beda jieħu ħsieb it-tindif tal-culverts qabel l-aħħar laqgħa tal-Kunsill [ref punt 46.6.5]

48.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-Direttur ta' TM, is-sur Silvio Scerri qal illi se jieħu ħsieb il-lights illi suppost qegħdin fejn il-ġnien mal-kantuniera ma triq il-Ġnien [ref punt 46.6.9]. Fuq dan il-punt is-Sindku ppropona li napplikaw għal Speed Cameras man-naħa ta' Tas-Sliema wara diversi inċidenti li saru fuq fl-area. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

48.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-lights qegħdin idumu madwar 5 sekondi iżjed [Sliema Rd. c/w Rue D'Argens].

48.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna diversi ilmenti fuq dan il-persuna fil-ġnien [ref punt 46.6.11] izda n-nies iridu jiftħu kaz mal-pulizija kontrih biex jieħdu azzjoni.
Fuq dan il-punt il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-bicycles fil-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jagħmel laqgħa mal-Assoċazzjoni tal-Biking biex nieħdu suġġerimenti kif għandna nimxu.

48.2.11 Il-kunsillier Joe Galea qal illi l-attivita mhux se ssir għalissa u qegħda 'on hold' [ref punt 46.6.14].

48.2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien tkellem mas-sur Alamango li qal illi hu lest jieħu ħsieb ix-xogħol bħala 'goodwill' gesture [ref punt 46.6.17].

**Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq fis-6.45pm**
**Il-Viċi Sindku wasal fis-6.45pm**

## 48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

48.3.1 Ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni

## 48.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

48.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera

## 48.5 Rapporti

48.5.1 Q2 Report: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fit-2 quarter il-Kunsill kellu surplus ta' €15400. Spjega li bl-allokazzjoni tal-Gvern il-Kunsill jista jopera bl-ispejjez/pagi/kuntratti preżenti izda huwa grazzi għall-income extra li jsiru affarijiet oħra. Il-Kunsill approva r-rapport.

48.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sar l-evalwazzjoni tat-tender tax-xiri tal-Litter u Doggy bins izda sfortunatament l-uniku bidder tefa bid fuq materjal differenti minn dak illi ġie mitlub fl-ispecs. Il-Kunsill qabel illi noħorġu t-tender għat-tieni darba u ntuhom ħmistax il-ġurnata biex japplikaw.

48.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sar l-evalwazzjoni tat-tender tal-EU Consultant. Il-Kunsill qabel illi naħdmu mal-irħas bidder.

## 48.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

48.6.1 Is-Sindku spjega li waqt il-hearing tal-PA rigward l-applikazzjoni tal-14 East, iġġieled kontra l-ammont li kellom iħallsu bħala Planning Gain, fejn kien se jħallsu total ta' €32,000. Dan kien jinħadem fuq rata ta' €4.66 per square metre. Il-PA issa qablu li r-rata għanda tkun ta' €25 per square metre. Qal illi rigward il-14 East ma jista jsir l-ebda bidla fil-Planning Gain tal-ewwel 16 il-sular.

48.6.2 Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn nagħmlu valenu tal-ġrieden ġewwa triq Carlo Manche, bejn triq Moroni u Pjazza Meme Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġà ċempel u sejjer kuntrattur l-għada tal-laqgħa izda ma jaħsibx illi hemm post fejn jista jagħmel il-valenu.

48.6.3 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi għandna nagħmlu talba biex nuzaw kamra vojta faċċata l-Convenience Store ta' Gżira Road. Il-Kunsill se jara jekk hux possibbli nagħmlu użu minn kamra li hemm u naraw kif jistaw jintużaw kmamar oħra li hemm fil-viċinanza.

48.6.4 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn inbidlu t-traffic flow ta' triq Mattew Pulis. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn ta' traffic plan tat-toroq ta' madwar l-area wkoll, fosthom triq Nazju Ellul, Giacint Tua, Luqa Briffa u Gerry Zammit.

48.6.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi tal-Moo's kebab għamel platform għat-tables and chairs u għalaq il-culvert tagħna.

48.6.6 Il-kunsillier is-sur Joe Galea qal illi mill-festa s'issa, għad hemm toqob miftuħin. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat rapport lil-Kummissjoni Armar.

48.6.7 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi irċieva talba biex nipprovdu kamra biex tibda ssir klassi ta' weight lifting fil-lokalita. Il-Kunsill qabel illi ngħinu b'xi mod izda l-Kunsill ma jistax joffri premises.

48.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fit-28 ta' Settembru għandna kaz il-qorti rigward inċident li seġġ fis-sena 2015 fejn persuna waqa minħabba ħofra li kien hemm taħt il-bankin u li issa għandu 6% disability.

48.6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Onor Silvio Parnis jixieq jiltaqa' mal-Kunsill fil-15 ta' Settembru għal min jista jattendi. Il-kunsilliera għandom jikkonfermaw sal-aħħar tal-ġimgħa.

48.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm kaz bejn il-Kunsill u Melita rigward servizzi li nqataw sentejn ilu minħabba kontijiet mhux imħallsa. Qal ill għamel ir-riċerka u ma kienx hemm provi għalfejn il-Kunsill kellu raġun ma jħallasx. Qal illi kelna nħallsu ma €775 izda wara li tkellem mal—avukata tal-Melita, aċċettaw illi nirritornaw il-modems u inħallsu biss €320. Qal illi minħabba l-kaz hemm impjegat illi qed ibati l-konsegwenzi. Il-Kunsill qabel illi nħallsu.

48.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi attenda laqgħa mal-Kummisjoni tal-Vjolenza Domestiku fejn huma ħabbru sensiela t'attivitajiet li se jsiru bejn Novembru u Diċembru 2017. Il-Kunsill qabel illi naħdmu fuq attività tagħna u nikkollaboraw magħhom.

48.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dalwaqt għandna nieħdu l-fondi lura tal-UIF rigward il-proġett tal-ġnien. Qal illi kien hemm bzonn li sar rapport qabel ma sar ix-xogħol u għalhekk kien hemm dewmien izda wasalna lejn l-aħħar.

48.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se ssir laqgħa mal-Perit rigward il-proposta li għamel is-Sindku f'laqgħa preċedenti rigward it-triq fejn il-Knisja. Qal illi se jħabbar il-ġurnata biex kulħadd ikun jista jattendi.

48.6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem ma TM, kif ukoll mall-ħaddiema tagħna ta' CWS għax hemm bzonn illi jsiru xi xogħolijiet f'ċerti toroq [Reggie Miller/Rue D'Argens/Ix-Xatt] wara l-11pm. Qal illi l-ewwel se naraw kemm hemm bzonn xogħol u sigħat minn naħa ta' TM.

## 48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

48.7.1 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa dwar il-kont tal-handyman. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ammont huwa għal sitt ġimgħat u kien hemm ġranet fejn ħadem ma xi ħadd ieħor. Żied illi fl-EOI li tibqa in vigore, kien hemm talba għar-rata per man hour u d-deċiżjoni ittieħed fuq dawk l-ispecs, fejn hemm ukoll illi jista jaħdem ma persuna ieħor jekk hemm bzonn.

48.7.2 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti

## 48.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Ottubru 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |